

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/1326****tas-17 ta' Lulju 2017****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1340 tas-17 ta' Lulju 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 <sup>(2)</sup> jaġti effett lid-Deċiżjoni 2010/788/PESK <sup>(3)</sup> u jipprevedi ċerti miżuri diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur tal-embargo fuq l-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, inkluż l-iffriżar tal-assi tagħhom.
- (2) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNSCR") 2360 (2017) tal-21 ta' Ġunju 2017 emendat il-kriterji biex persuni u entitajiet jiġu inklużi ma' daww soġġetti għall-miżuri restrittivi mniżżla fil-paragrafi 9 u 11 tal-UNSCR 1807 (2008). Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1340 tagħti effett lill-UNSCR 2360 (2017).
- (3) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1340 taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tagħti effett lil dik id-Deċiżjoni, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jiġi emendat skont dan.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 2a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005, il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(i) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-isponsorjar jew il-parteċipazzjoni f'attakk kontra l-forzi taż-żamma tal-paċi tal-MONUSCO jew kontra l-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-membri tal-Grupp tal-Esperti;”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. MOGHERINI

<sup>(1)</sup> Ara paġna 55 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur tal-embargo fuq l-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1).<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30).